31996D0333

25.5.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 127/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Mejju 1996

li tistabbilixxi ċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini ħajjin minn pajjiżi terzi li mhumiex koperti minn deċiżjoni speċifika

(Test b'rilevanza taż-ŻEE)

(96/333/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991, li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi ħajjin [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Iżvezja u l-Finlandja, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi l-Kummissjoni ippreskriviet il-kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin għal ċerti pajjiżi terzi;

Billi għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin minn pajjiżi terzi li għadhom mhumiex koperti minn dan it-tip ta' deċiżjoni, ta' min jirrakommanda inizzjalment li jkun stabbilit mudell standardizzat ta' ċertifikat tas-saħħa biex ikunu evitati diżordnijiet għall-kummerċ;

Billi l-adozzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa *standard* ikollu effetti pożittivi fuq operaturi u għas-servizzi ta' kontroll u jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni libera ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin ġewwa l-Komunità;

Billi l-mudell ta' ċertifikat tas-saħħa stabbilit b'din id-Deċiżjoni huwa provviżorju u applikabbli għal perjodu ta' sentejn li matulhom jistgħu jkunu adottati deċiżjonijiet individwali; billi ċ-ċertifikat provviżorju għalhekk ma jkunx japplika iktar għal kull pajjiż terz li għalih kienet adottata deċiżjoni individwali;

Billi kontrolli veterinarji fuq molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marini importati għandhom jitwettqu skond id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE tal-10 ta' Diċembru 1990, li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/52/KE [3]; billi dawk il-kontrolli jinvolvu l-preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa li jakkompanja l-prodotti importati;

Billi l-adozzjoni ta' mudell *standard* ta' ċertifikat tas-saħħa għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull kondizzjonijiet ta' importazzjoni li jistgħu jkunu adottati għal pajjiż terz wara stima fuq il-post tas-sitwazzjoni tas-saħħa minn esperti tal-Kummissjoni;

Billi, skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/492/KEE, iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jafferma li l-kondizzjonijiet ta' produzzjoni, purifikazzjoni, ħażna, ippakkjar u trasport ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin intenzjonati għall-Komunità huma għall-inqas ekwivalenti għal dawk preskritti għall-prodotti tal-Komunità;

Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal miżuri adottati fil-futur għall-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali;

Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-oinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin miġjuba fit-territorji ddefinti fl-Anness I tad-Direttiva 90/675/KEE għal konsum dirett uman għandhom ikunu nqabdu minn żoni approvati ta' produzzjoni approvati u spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz, għandhom jiġu minn stabbiliment spezzjonat u approvat mill-awtorita kompetenti tal-pajjiż terz, u għandhom ikunu akkompanjati minn … l-oriġinal ta' ċertifikat tas-saħħa nnumerat li jafferma li l-kondizzjonijiet ta' produzzjoni, immaniġġar, fejn meħtieġ purifikazzjoni, ippakkjar u identifikazzjoni tal-prodotti huma għall-inqas ekwivalenti għal dawk miġbura fid-Direttiva 91/492/KEE.

Il-mudell ta' dak iċ-ċertifikat huwa preskritt fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 1.
[2] ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.
[3] ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 16.

L-Artikolu 2

Kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin introdotti fit-territorji ddefiniti fl-Anness I tad-Direttiva 90/675/KEE għal purifikazzjoni f'ċentru ta' purifikazzjoni approvat, jew għal tqegħid mill-ġdid f'żona ta' tqegħid mill-ġdid approvata, jew għal ipproċessar fi stabbiliment ta' pproċessar approvat, għandhom ikunu nqabdu minn żona ta' produzzjoni approvata kkontrollata u approvata mill-awtorita kompetenti tal-pajjiż terz, għandhom ikunu akkompanjati mill-oriġinal ta' ċertifikat tas-saħħa nnumerat li jafferma li l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-produzzjoni, qbid u trasport tal-qabdiet (batches) huma għall-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti mid-Direttiva 91/492/KEE.

Il-mudell ta' dak iċ-ċertifikat tas-saħħa huwa preskritt fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa li jirreferu għalih l-Artikoli 1 u 2 għandu jikkonsisti f'folja karta waħda u jinkiteb għall-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ta' dħul fil-Komunità, u, jekk meħtieġ, f'waħda mil-lingwi tal-pajjiż destinatarju.

2. Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom iġibu l-isem, desinjazzjoni u firma ta' l-ispettur uffiċjali kif ukoll is-siġill uffiċjali ta' l-awtorita kompetenti, li kollha kemm huma għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar l-ieħor taċ-ċertifikat.

L-Artikolu 4

Iċ-ċertifikati tas-saħħa li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni m'għandhomx japplikaw għal molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ħajjin minn pajjiżi terzi li għalihom il-kondizzjonijiet individwali ta' importazzjoni huma preskritti x'imkien ieħor.

L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 1996 għal sentejn.

L-Artikolu 6

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA (MUDELL)

Nru .....

konnessi ma': — molluski bivalvi (1),
— ekinodermi (1),
— tunikati (1),
— gastropodi marini (1)

hajjin
intenzjonati għal konsum dirett uman fil-Komunità Ewropea.

Pajjiż ta' dispaċċ: .....

Awtorita kompetenti (2): .....

Servizz ta' spezzjoni (2): .....

I. **Identifikazzjoni tal-prodotti**

Prodotti slavaġ/mrobbija (1):

— Speċje (isem xjentifiku): .....

— Natura ta' ppakkjar (imballaġġ): .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Użin nett: .....

— Ħażna mehtieġa u temperatura tat-trasport: .....

— Numru ta' referenza tar-rapport analitiku (jekk mehtieġ): .....

II. **Għejun (sorsi) tal-prodotti**

— Żona ta' produzzjoni approvata: .....

— Isem u numru uffiċjali ta' l-istabbiliment approvat: .....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti għandhom jintbagħtu

minn: .....
(post ta' dispaċċ)

għal: .....
(pajjiżi u post ta' destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin (3): .....

Isem u indirizz ta' min jikkonsenja: .....

.....

Isem ta' min jirċievi l-kunsinna u indirizz tal-post ta' destinazzjoni: .....

.....

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.
(2) Isem u indirizz.
(3) In-numru ta' reġistrazzjoni ta' trakkijiet, vaguni ta' ferrovija jew kontenitur, numru tat-titjira jew bastiment.

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

I, spettur uffiċjali ffirmat hawn taħt, niċċertifika li l-prodotti hajjin deskritti hawn iktar 'il fuq:

1. inġabru, jekk meħtieġ tqegħdu mill-ġdid fuq perjodu ta' għall-inqas xahrejn, u trasportati taħt kondizzjonijiet mill-inqas ekwivalenti għal dawk preskritti fil-Kapitoli I, II u III ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

2. Kienu mmaneġġati, u jekk meħtieġ ippurifikati skond ir-regoli ta' iġjene preskritti fil-Kapitolu IV ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

3. kienu spezzjonati skond ir-rekwiżiti preskritti fil-Kapitolu VI ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

4. kienu ppakkjati, inħażnu u kienu ttrasportati skond ir-rekwiżiti preskritti fil-Kapitoli VII, VIII u IX ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

5. iġibu t-timbru tas-saħħa skond id-dispożizzjonijiet preskritti fil-Kapitolu X ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

6. kienu analizzati u huma f'konformita mar-rekwiżiti preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE u għalhekk huma tajbin għal konsum dirett uman.

Niddikjara li jiena naf bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/492/KEE li jippreskrivu l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi ħajjin.

Magħmul at: ..... fi: .....
(post) (data)

Siġill uffiċjali [1]

.....
(firma ta' l-Ispettur uffiċjali) [1]

.....
(isem, titolu u desinjazzjoni tal-firmatarju f'ittri kapitali)

---

[1] Il-kulur tas-siġill u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar l-ieħor fuq iċ-ċertifikat.

L-ANNESS II

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA (MUDELL)

Nru .....

konnessi ma': — molluski bivalvi (1),
— ekinodermi (1),
— tunikati (1),
— gastropodi marini (1)

hajjin intenzjonati ghal: — purifikazzjoni (1),
— tqeghid mill-ġdid (1),
— ipproċessar (1)

fil-Komunità Ewropea.

Pajjiż ta' dispaċċ: .....

Awtorita kompetenti (2): .....

Servizz ta' spezzjoni (2): .....

I. **Identifikazzjoni tal-prodotti**

Prodotti selvaġġi/mrobbija (1):

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Natura ta' ppakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Data tal-qbid: .....

II. **għejun tal-prodotti**

— Żona approvata ta' produzzjoni: .....

— Klassi taż-żona: A - B - C (1) skond il-Kapitolu I ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti ghandhom jintbaghtu

minn: .....
(post tad-dispaċċ)

ghal: .....
(pajjiżi u post ta' destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin (3): .....

Isem u indirizz ta' min jikkonsinna: .....

.....

Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni ta' min jirċievi l-kunsinna (destinatarju): .....

— ċentru ta' purifikazzjoni (1): .....

— żona ta' *relaying* (1): .....

— stabbiliment ta' pproċessar (1): .....

(1) Hassar fejn mhux applikabbli.
(2) Isem u indirizz
(3) Numru ta' reġistrazzjoni ta' trakkijiet, vaguni ta' ferrovija jew kontenitur, numru tat-titjira jew isem il-bastiment

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jien, spettur uffiċjali ffirmat hawn taħt, niċċertifika li l-prodotti ħajjin desritti hawn iktar 'il fuq:

1. ġejjin minn żona ta' produzzjoni approvata skond ir-rekwiżiti preskritti fil-Kapitolu I ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

2. inġabru, kienu mmaneġġati, u ttrasportati taħt kondizzjonijiet għall-inqas ekwivalenti għal dawk preskritti fil-Kapitolu II ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE;

3. kienu spezzjonati skond ir-rekwiżiti preskritti fil-Kapitolu VI ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu V ta' l-Anness hlief għall-*istandards* mikrobijoloġiċi;

4. mhumiex tajbin għall-konsum dirett uman.

Niddikjara li jien naf bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE li jippreskrivu l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi.

Magħmul fi: ..... fi .....
(post) (data)

Siġill uffiċjali (1)

.....
(firma ta' l-Ispettur uffiċjali) (1)

.....
(isem, titolu u desinjazzjoni tal-firmatarju f'ittri kapitali)

(1) Il-kulur tas-siġill u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar l-ieħor fuq iċ-ċertifikat.